MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2011

Talba Numru. 125/2011

**Vodafone Malta Limited – C10865**

**vs**

**John Grech – ID819647M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta` attrici tablet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf, mitejn u wiehed u tletin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€1,231.53c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta` attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok "A").

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b' talba ghal pagament effettiv izda dan baqa' inadempjenti ghal tali talba u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sallum.

Bl-ispejjez inkluz dak tal-mandat ta’ qbidipprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut debitament notifikat attenda ghas-seduta tallum.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni li gietipprezentata mis-socjeta` attrici li permezz taghha t-talba giet ridotta ghall-ammont ta’ mitejn u wiehed u tletin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€231.53c).

Ra d-deposizzjoni li inghatat mill-konvenut li permezz taghha kkonferma bil-gurament tieghu illi dan l-ammont ta’ mitejn u wiehed u tletin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€231.53c) huwa dovut.

Illi ghalhekk it-Tribunal jilqa’ it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u wiehed u tletin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€231.53c) bl-imghax kif miltuba u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------